European Institute for Gender Equality

# Beijing+20: Il-Pjattaforma ta' Azzjoni (BPfA) u l-Unjoni Ewropea
## Qasam L: Il-Bniet

## Il-Kuntest tal-Politika

It-tfulija hija esperjenza influwenzata mis-sessi. Għalhekk, il-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-bniet jeħtieġu attenzjoni speċifika fil-politiki rilevanti għat-tfal. L-esponiment tal-bniet u s-subien għall-isterjotipi tas-sessi fil-midja u l-edukazzjoni, u t-trattament differenti tal-bniet u s-subien jikkontribwixxu għal għażliet edukattivi u karrieri professjonali sterjotipati. Il-bniet huma iżjed vulnerabbli għall-vjolenza bbażata fuq is-sess, inkluż l-abbuż sesswali, il-pornografija u t-traffikar. Forom oħra ta' vjolenza permezz ta' teknoloġiji ġodda mmirati lejn it-tfal, u aktar speċifikament il-bniet, feġġew reċentement, bħall-bullying fuq l-internet. Il-bniet minn oqsma rurali mbiegħda, il-bniet b'diżabilità, il-bniet Rom u l-bniet f'istituzzjonijiet tat-tfal għadhom jiffaċċjaw sfidi fl-aċċess tagħhom għas-servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali. Barra minn hekk, l-abitudnijiet tal-ikel, is-saħħa ġenerali u sesswali għandhom dimensjoni tal-ġeneri u huma esperjenzati b'mod differenti mill-bniet u s-subien.

### Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropa dwar ir-Rapport tal-Presidenza Slovena (2008)

- Sabu li l-politiki u l-impenji tal-UE mmirati lejn it-tfal mhumiex biżżejjed sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi.
- Jgħidu li attenzjoni partikolari għall-iżvantaġġi speċifiċi tal-bniet tingħata biss fi ftit oqsma (eż. ċerti forom ta' diskriminazzjoni u vjolenza, bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili).

### L-Aġenda tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal (2011)

- Tfittex li trawwem l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li jindirizzaw id-drittijiet tat-tfal u tal-UNCRC.
- Tipproponi numru ta' azzjonijiet konkreti (eż. ġustizzja li tkun qrib il-ħtiġijiet tat-tfal, il-protezzjoni tat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal fl-UE u barra minnha).

### Id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea (2011–2012)

- Jidentifikaw it-tfal bħala partikolarment f'riskju ta' vjolenza u għandhom l-għan li jsaħħu qafas għall-protezzjoni tal-vittmi (id-Direttiva 2011/36/UE dwar it-traffikar tal-bnedmin u d-Direttiva 2011/92/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija).
- Jenfasizzaw li huma meħtieġa servizzi speċjalizzati għal gruppi vulnerabbli (eż. nisa li huma vittmi ta' abbuż u t-tfal tagħhom) (id-Direttiva 2012/29/UE dwar il-vittmi ta' vjolenza).

### Ir-Rapport Konsultattiv lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill EPSCO (2012)

- Jindirizza l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq it-tfal.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2013)

- Tirrikonoxxi r-riskju akbar tat-tfal għall-faqar u l-esklużjoni soċjali.
- Tenfasizza li l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet kollha ffaċċjati mit-tfal għandhom ikunu parti minn kull sforz li jittratta l-faqar u l-esklużjoni soċjali tat-tfal.
- Tirrikonoxxi t-tfal bħala detenturi indipendenti tad-drittijiet u titlob għal azzjoni mmirata lejn kwistjonijiet speċifiċi għat-tfal (eż. it-tnaqqis tat-tluq kmieni mill-iskola) u l-vjolenza kontra t-tfal.

## L-objettivi strateġiċi tal-BPfA u l-indikaturi tal-UE

**L.1.** Li jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra l-bniet.

**L.2.** Li jiġu eliminati l-attitudnijiet u l-prattiki kulturali negattivi kontra l-bniet.

**L.3.** Li jiġu promossi u protetti d-drittijiet tal-bniet u li jiżdied l-għarfien tal-ħtiġijiet u l-potenzjal tagħhom.

**L.4.** Li tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra l-bniet fl-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ.

**L.5.** Li tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra l-bniet fis-saħħa u n-nutrizzjoni.

**L.6.** Li jiġi eliminat l-isfruttament ekonomiku tat-tħaddim tat-tfal u li tfajliet żgħar ikunu protetti fuq il-post tax-xogħol.

**L.7.** Li tiġi eradikata l-vjolenza kontra l-bniet.

**L.8.** Li jkunu promossi l-għarfien tal-bniet u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika.

**L.9.** Li jkun imsaħħaħ ir-rwol tal-familja fit-titjib tal-istat tal-bniet.

Fl-2008, taħt il-Presidenza Slovena tal-UE, il-Kunsill qabel fuq tliet indikaturi li jivvalutaw l-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet, kemm teżisti perċezzjoni negattiva tagħhom stess fost il-bniet u s-subien u l-prestazzjoni relattiva tal-bniet u s-subien meta jkollhom 15-il sena fil-matematika u x-xjenzi, kif ukoll il-preżenza tan-nisa fl-edukazzjoni ta' livell terzjarju fis-suġġetti li fihom normalment ikunu sottorappreżentati.

Il-bażi tad-dejta "Women and men in the EU — facts and figures" ("In-nisa u l-irġiel fl-UE — fatti u figuri") żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tagħti l-aktar dejta u informazzjoni reċenti dwar dawn l-indikaturi, disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/ content /women-and-men-in-the-eu-facts-and-figures

## Is-sejbiet mid-dejta minn madwar l-UE

### It-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi fil-prestazzjoni fil-matematika u l-litteriżmu xjentifiku

Ir-riżultati ta' PISA 2012 (l-Istudju PISA tal-OECD) jindikaw li r-riżultati tal-bniet huma iżjed baxxi fil-matematika minn dawk tas-subien. Madankollu, id-disparità bejn ir-riżultati tas-subien u l-bniet tidher li qed tonqos meta mqabbla mal-2009. Fix-xjenza, id-differenzi bejn ir-riżultati tal-bniet u s-subien huma iżgħar u l-bniet għandhom prestazzjoni aħjar mis-subien fil-maġġoranza tal-Istati Membri.

Il-proporzjon ta' studenti nisa fit-taħriġ tal-għalliema u x-xjenza tal-edukazzjoni kien għoli ħafna fl-2006 u jibqa' tali, fejn laħaq 77 % tal-istudenti kollha fil-livell tal-UE fl-2012.

L-akbar żbilanċ bejn is-sessi għad-detriment tan-nisa jista' jiġi osservat fost l-istudenti tal-edukazzjoni ta' livell terzjarju fil-qasam tax-xjenza, tal-matematika u tal-informatika: fl-2012, il-bniet kienu anqas minn 50 % fil-maġġoranza tal-Istati Membri.

### L-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet fl-UE tvarja u għandha t-tendenza li tiffoka fuq is-saħħa

L-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet tvarja fost l-Istati Membri u tindirizza gruppi ta' etajiet differenti. Fl-2012, kien hemm seba' Stati Membri fejn l-edukazzjoni sesswali ma kinitx obbligatorja. Ħafna Stati Membri joffru l-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet lill-etajiet żgħar biss, filwaqt li huma ftit biss dawk li joffruha tul is-snin skolastiċi kollha.

Fl-Istati Membri kollha l-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet tiffoka b'mod predominanti fuq kwistjonijiet bħall-kontraċezzjoni, l-infezzjonijiet trażmessi sesswalment u t-tqala mhux ippjanata. Fil-maġġoranza tal-każijiet, il-kurrikuli jonqsu milli jindirizzaw suġġetti bħall-vjolenza bbażata fuq is-sess, l-isterjotipi tas-sessi f'relazzjonijiet romantiċi, l-istigma relatata mal-HIV/AIDS u ż-żgħażagħ LGBT. Ħafna Stati Membri implimentaw politiki biex jiggarantixxu l-aċċess tal-bniet għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi.

**IL-PERĊENTWALI TAL-ISTUDENTI NISA FL-EDUKAZZJONI TA' LIVELL TERZJARJU MILL-ISTUDENTI KOLLHA, 2012**




*Sors:* Eurostat, statistika tal-edukazzjoni

## Il-bniet sa minn età verament żgħira għandhom perċezzjoni negattiva ta' ġisimhom

L-istħarriġ tal-2009/2010 (tal-HSBC) L-Imġiba dwar is-Saħħa fit-Tfal ta' Età Skolastika dwar il-"Fatturi determinanti soċjali tas-saħħa u l-benesseri fost it-tfal u ż-żgħażagħ", jagħti informazzjoni dwar l-iżvilupp tad-dehra personali tal-ġisem tal-bniet u s-subien, billi jistaqsi lill-bniet u s-subien dwar l-Indiċi tal-Massa tal-Ġisem (BMI) proprju tagħhom u l-perċezzjoni li għandhom ta' ġisimhom.

Fl-2010, in-numru ta' bniet u subien li rrapportaw li jħossuhom 'xi ftit ħoxnin' jew 'ħoxnin wisq', varja fost l-Istati Membri, iżda b'mod ġenerali u maż-żmien, kien hemm iżjed bniet minn subien li rrapportaw dawn il-valutazzjonijiet; 27 % ta' bniet li kellhom 11-il sena taw stima eċċessiva tal-piż tagħhom, meta mqabbla ma' 22 % tas-subien. Sadanittant, il-kalkoli tal-BMI juru li s-subien (17 %) għandhom aktar probabbiltà li jkunu medikament ħoxnin jew obeżi, meta mqabbla mal-bniet (13 %) fl-età ta' 11-il sena.

Il-perċezzjoni negattiva li l-bniet għandhom tagħhom stess taggrava bl-età, fejn l-ogħla proporzjon ta' nuqqas ta' sodisfazzjon kienet fost dawk ta' 15-il sena. Fost dawk ta' 15-il sena, proporzjon konsiderevoli ta' bniet (40 %) identifikaw lilhom infushom bħala li huma sovrapiż fl-2010, f'kuntrast mas-subien (22 %). Konsistentement, minħabba l-perċezzjoni negattiva tagħhom ta' ġisimhom, il-bniet għandhom aktar probabbiltà li jinvolvu ruħhom fi programmi għat-tnaqqis tal-piż f'età żgħira ħafna. Il-proporzjon ta' bniet li jibdew dieta jiżdied bl-età, filwaqt li jonqos għas-subien.

Din l-imġiba hija riżultat ukoll tal-isterjotipi tas-sessi u l-impatt tal-midja fuq il-perċezzjoni li l-bniet ikollhom tagħhom stess, billi dawn jistigmatizzaw il-piż u l-forma, aspett li għadu mhux mogħti kunsiderazzjoni mill-indikaturi attwali.

## L-isterjotipi tas-sessi għandhom impatt differenti fuq gruppi speċifiċi ta' bniet

Is-sitwazzjonijiet u l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-bniet Rom kienu soġġetti għal politiki u miżuri f'diversi Stati Membri li għandhom komunitajiet tar-Rom. Kwistjonijiet bħat-tluq kmieni mill-iskola, il-kisbiet edukattivi aktar baxxi u r-rata għolja ta' illitteriżmu jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-istess fenomenu kien osservat fost il-bniet bi sfond ta' migrazzjoni jew li ġejjin minn familji ifqar. Dawn il-bniet għandhom it-tendenza li jitilqu kmieni mill-iskola għaliex ikunu jeħtieġu jsibu xogħol b'paga baxxa jew jassumu responsabbiltajiet ta' kura u tal-familja.

## Forom ġodda ta' vjolenza mmirati lejn il-bniet

Reċentement feġġew forom oħra ta' vjolenza li jużaw teknoloġiji ġodda biex jimmiraw lejn it-tfal — u aktar speċifikament il-bniet — (eż. il-bullying fuq l-internet). Ċerti Stati Membri bdew jimmodifikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom biex jiżguraw li l-bniet ikunu protetti minn din il-forma ta' vjolenza psikoloġika, b'mod partikolari f'etajiet fejn jista' jkollha konsegwenzi diżastrużi fuq il-benesseri tal-bniet.

### ID-DEHRA PERSONALI TAL-ĠISEM: IN-NUQQAS TA' SODISFAZZJON TAL-BNIET U S-SUBIEN B'ĠISIMHOM




Sors: Stħarriġ dwar L-Imġiba dwar is-Saħħa fit-Tfal ta' Età Skolastika (tal-HSBC)

## Inizjattivi utli:

Ċerti Stati Membri implimentaw interventi speċifiċi għas-sessi li jħeġġu l-bniet u s-subien jikkunsidraw suġġetti u **passaġġi tal-karriera** 'mhux tradizzjonali'. L-Awstrija, il-Ġermanja u n-Netherlands annwalment jorganizzaw 'Jiem tal-Bniet'; Ċipru, id-Danimarka u l-Polonja rrapportaw azzjonijiet simili, bħall-kampanja 'Il-Bniet bħala Inġiniera' fil-Polonja; fl-Estonja jkun hemm jiem tal-karrieri għall-bniet (u s-subien), appoġġ u taħriġ biex il-bniet u s-subien ikunu mħeġġa jieħdu passaġġi ta' karrieri mhux tradizzjonali u diversi korsijiet ta' taħriġ fl-emanċipazzjoni (UNECE, 2014).

Ċerti Stati Membri semmew azzjonijiet indirizzati lejn il-bniet li jaffaċċjaw diskriminazzjoni speċifika; ir-Rumanija u s-Slovenja żviluppaw **programmi biex itejbu l-aċċess għall-edukazzjoni** tat-tfal mill-komunità tar-Rom.

**Il-kwistjonijiet tas-saħħa u l-indirizzar tal-vjolenza kontra l-bniet** kienu fost l-inizjattivi msemmijin fir-rapporti lill-UNECE. Il-Portugall, l-Ungerija u d-Danimarka introduċew it-tilqim kontra l-vajrus tal-papilloma uman (HPV) għall-adolexxenti bniet, filwaqt li fil-Kroazja, il-Programm għall-Ġlieda Kontra u l-Prevenzjoni ta' Mard Trażmess Sesswalment joffri gwida speċifika lill-bniet u lill-ġenituri dwar l-HPV. L-Awstrija u l-Ungerija enfasizzaw l-interess li jallokaw riżorsi lejn gruppi aktar vulnerabbli ta' bniet: l-Awstrija tiffinanzja servizzi ta' appoġġ ta' emerġenza 'għall-bniet u n-nisa żgħażagħ li huma f'riskju li jisfaw vittmi ta' żwieġ sfurzat jew li huma vittmi tiegħu'; l-Ungerija tmexxi programm li jinvolvi l-bniet adolexxenti meqjusin bħala 'vulnerabbli f'diversi aspetti', bħal ommijiet żgħażagħ u dawk li jużaw id-drogi.

### AVVANZI U OSTAKLI FIL-QASAM L: IL-BNIET

| AVVANZI | OSTAKLI |
|---|---|
| • Id-WHO żviluppat standards li joffru bażi soda għall-implimentazzjoni ta' linji gwida għall-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet għall-Istati Membri.<br>• Id-disparità bejn ir-riżultati tal-bniet u s-subien qiegħed jonqos fil-matematika.<br>• Il-bniet qegħdin imorru tajjeb fix-xjenzi (u qed ikollhom riżultati aħjar mis-subien fil-maġġoranza tal-każijiet). | • L-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet tvarja ħafna fl-UE u tiffoka l-aktar fuq kwistjonijiet ta' saħħa.<br>• Il-bniet għandhom aktar probabbiltà li jkollhom impressjoni falza li huma sovrapiż, li jista' jkun ta' ħsara għal saħħithom.<br>• Il-bniet huma sottorappreżentati fl-oqsma tax-xjenza, tal-matematika u tal-informatika fl-iskola, kif ukoll fl-edukazzjoni ta' livell terzjarju.<br>• Il-bniet għad għandhom aktar probabbiltà li jagħżlu karrieri fl-edukazzjoni u x-xjenza tat-tagħrig. |

## It-triq 'il quddiem għall-UE

- Il-perspettivi tal-bniet jeħtieġu approċċ ħolistiku, li jkopri oqsma oħra tal-BPfA (eż. is-saħħa, l-edukazzjoni, il-faqar, il-midja).
- Il-progress fil-prestazzjoni tal-bniet fil-matematika u x-xjenza għandu jkun imsaħħaħ billi tintlaħaq rappreżentazzjoni b'bilanċ aħjar bejn is-sessi fl-istudji aktar avvanzati fix-xjenza, il-matematika u l-informatika.
- Huwa meħtieġ approċċ iżjed ħolistiku lejn l-edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet li jespandi l-attenzjoni għall-impatt tan-normi, l-attitudnijiet u l-isterjotipi, u jippromwovi relazzjonijiet ugwali bejn is-sessi.
- Il-perċezzjonijiet tajba tad-dehra tal-ġisem u miżuri li jindirizzaw il-perċezzjoni li l-bniet ikollhom tagħhom stess jeħtieġ li jissaħħu minn età bikrija, inklużi normi, attitudnijiet u sterjotipi.
- Huma meħtieġa miżuri li jindirizzaw forom ta' vjolenza li qegħdin jużaw teknoloġiji ġodda (eż. il-bullying fuq l-internet).

### L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-Ċentru tal-UE ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. EIGE jappoġġa lil kull min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet rilevant kollha fl-isforzi tagħhom biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn, billi tipprovdilhom ħila speċifika u dejta kumparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni (RDC) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda innovattiva u prattika li tgħin biex jinstabu r-riżorsi ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost dawk b'interess fil-politika u l-prattiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u toffri spazju onlajn għal diskussjoni u dibattitu.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu/content/rdc

**Informazzjoni biex tagħmel kuntatt:**
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16, LT-01103 Vilnius, LITHUANIA
Tel. +370 52157444, Tel. +370 52157400

facebook.com/eige.europa.eu
twitter.com/eurogender
youtube.com/eurogender
https://eurogender.eige.europa.eu

ISBN 978-92-9493-276-1
doi:10.2839/558979
MH-04-15-022-MT-N